# Il-ħolqien ta’ direttorat għall-infurzar fl-ERA hu pass pożittiv

## BirdLife Malta tinsisti li l-infurzar fil-qasam tal-ħarsien tal-għasafar ukoll għandu jaqa’ taħt l-ERA

BirdLife Malta tilqa’ l-ħatra ta’ Direttur ġdid fi ħdan l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) biex imexxi t-taqsima l-ġdida tal-infurzar li nħolqot fi ħdan l-ERA. Il-ħolqien ta’ din il-kariga ġdida huwa aħbar pożittiva li ġġib tama li jkun hemm titjib f’qasam li Malta dejjem batiet fih.

BirdLife Malta tawgura kull suċċess lil-Logutenent Kurunell irtirat Mario Schembri u twiegħdu l-koperazzjoni sħiħa tagħha fir-rwol ġdid tiegħu fit-tmexxija ta’ dan id-direttorat. L-infurzar f’Malta huwa neċessità minħabba l-impatt qawwi tal-attività tal-bniedem fuq il-ftit zoni naturali li għad fadal, speċjalment siti Natura 2000.

BirdLife Malta tieħu wkoll din l-opportunità biex titlob lill-Gvern jgħaddi l-infurzar fil-qasam tal-ħarsien tal-għasafar ukoll taħt ir-responsabbiltà tal-ERA.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

